

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-21 ta' Ġunju 2018 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika ta' Malta

(Kawża C-557/15) ⁽¹⁾

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2009/147/KE — Konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi — Qabda u żamma ta' għasafar ħajjin — Speċi li jagħmlu parti mill-familja tal-għasafar tal-għana — Projbizzjoni — Sistema derogatorja nazzjonali — Setgħa ta' deroga tal-Istati Membri — Kundizzjonijiet)

(2018/C 285/02)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Mifsud-Bonnici u C. Hermes, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika ta' Malta (rappreżentanti: A. Buhagiar, aġent, J. Bouckaert, advocaat, L. Cassar Pullicino, avukat)

Dispożittiv

- 1) Billi adottat sistema derogatorja li tippermetti l-insib għal seba' speċi ta' għasafar tal-għana selvaġġi (l-isponsun, *Fringilla coelebs*, il-gojġin, *Carduelis cannabina*, il-gardell, *Carduelis carduelis*, il-verdun, *Carduelis chloris*, taż-żebbuġ, *Coccothraustes coccothraustes*, l-apparell, *Serinus serinus* u l-ekru, *Carduelis spinus*), ir-Repubblika ta' Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5(a) u (e) u tal-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, moqrija flimkien mal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva.
- 2) Ir-Repubblika ta' Malta hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 7, 11.1.2016.